PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0174/2014**

14.3.2014

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ biex tnaqqas il-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief
(COM(2013)0761 – C7-0392/2013 – 2013/0371(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur (għal opinjoni): Margrete Auken

PR_COD_1amCom

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .......... 5

NOTA SPJEGATTIVA .......... 31

PROĊEDURA .......... 35

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ biex tnaqqas il-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief**
**(COM(2013)0761 – C7-0392/2013 – 2013/0371(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0761),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0392/2013),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta' Frar 2014[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0174/2014),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) ***Il-Konsum*** tal-basktijiet tal-plastik jirriżulta f'livelli għoljin ta' skart u użu ineffiċjenti tar-riżorsi u ***huma*** mistenni li jiżdied jekk ma hija se tittieħed l-ebda azzjoni. L-iskart tal-basktijiet tal-plastik ***jikkontribwixxi għall-problema*** tal-iskart ***fil-baħar li qed thedded l-ekosistemi marittimi*** madwar id-dinja kollha. | (2) ***Il-konsum*** tal-basktijiet tal-plastik jirriżulta f'livelli għoljin ta' skart u użu ineffiċjenti tar-riżorsi u ***huwa*** mistenni li jiżdied jekk ma hija se tittieħed l-ebda azzjoni. L-iskart tal-basktijiet tal-plastik ***jirriżulta fi tniġġis ambjentali u jaggrava l-problema mifruxa*** tal-iskart ***fl-ilmijiet, li hi ta' theddida għall-ekosistemi akkwatiċi*** madwar id-dinja kollha. |

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Barra minn hekk, l-akkumulazzjoni tal-basktijiet tal-plastik fl-ambjent għandha b'mod ċar impatt negattiv fuq ċerti fergħat tal-ekonomija, bħat-turiżmu.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Basktijiet tal-plastik ta' ħxuna inqas minn 50 microns, li jirrapreżentaw il-maġġoranza vasta tal-għadd totali tal-basktijiet tal-plastik kkunsamati fl-Unjoni, jerġgħu jintużaw inqas minn basktijiet tal-plastik eħxen ***u għalhekk*** huma aktar probabbli li jispiċċaw skart. | (3) Basktijiet tal-plastik ***ħfief*** ta' ħxuna inqas minn 50 microns, li jirrappreżentaw il-maġġoranza vasta tal-għadd totali tal-basktijiet tal-plastik ikkunsmati fl-Unjoni, jerġgħu jintużaw inqas minn basktijiet tal-plastik eħxen***, u b'hekk isiru skart aktar malajr,*** huma aktar probabbli li jispiċċaw |

| | |
|---|---|
| | skart ***u, minħabba l-piż ħafif tagħhom, huwa aktar probabbli li jispiċċaw imferrxa fl-ambjent, kemm fuq l-art kif ukoll fil-baħar.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Ir-rati attwali ta' riċiklaġġ huma baxxi ħafna, anki jekk il-basktijiet tal-plastik huma riċiklabbli. Barra minn hekk, ir-riċiklaġġ tal-basktijiet tal-plastik mhuwiex mistenni li jilħaq livell sinifikanti, peress li minħabba l-irquqija u l-piż ħafif tagħhom, il-basktijiet tal-plastik ma għandhomx valur ta' riċiklaġġ għoli. Barra minn hekk, ma hemmx ġbir separat għall-basktijiet tal-plastik, it-trasport tagħhom huwa għali, u l-ħasil tagħhom għal raġunijiet ta' riċiklaġġ jirrikjedi volumi kbar ta' ilma. Għalhekk, ir-riċiklaġġ tal-basktijiet tal-plastik ma jsolvix il-problemi li jikkaġunaw.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Livelli attwali tar-riċiklaġġ tal-basktijiet tal-plastik ilaħħqu 6.6 %. Skont l-Istudju tal-Bijointelligenża li informa lill-valutazzjoni tal-impatt, il-livelli ta' riċiklaġġ ġew stmati li se jibqgħu taħt l-10% fl-2020. Apparti mill-fatt li l-prevenzjoni u l-użu mill-ġdid funzjonali jieħdu prijorità fuq ir-riċiklaġġ tal-ġerarkija tal-iskart, huwa ċar li żieda fir-riċiklaġġ ma ssolvix il-kwistjoni.*

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-livelli tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik ivarjaw b'mod konsiderevoli fl-Unjoni minħabba differenzi fl-abitudni tal-konsum***, is-sensibilizzazzjoni*** ambjentali, | (4) Il-livelli tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik ivarjaw b'mod konsiderevoli fl-Unjoni ***mhux biss*** minħabba differenzi fl-abitudini tal-konsum ***u s-sensibilizzazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| ***kif ukoll l-effettività*** tal-miżuri tal-politika li jittieħdu mill-Istati Membri. Xi Stati Membri rnexxielhom inaqqsu l-livelli tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik b'mod sinifikanti, fejn il-livell medju tal-konsum fis-seba' Stati Membri bl-aħjar prestazzjoni jammonta għal 20% biss tal-konsum medju tal-UE. | ambjentali***, iżda primarjament minħabba l-grad ta' effettività*** tal-miżuri tal-politika li jittieħdu mill-Istati Membri. Xi Stati Membri rnexxielhom inaqqsu l-livelli tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik b'mod sinifikanti, fejn il-livell medju tal-konsum fis-seba' Stati Membri bl-aħjar prestazzjoni jammonta għal 20% biss tal-konsum medju tal-UE. ***Miri ta' tnaqqis fl-Unjoni kollha għandhom jitfasslu b'paragun mal-konsum medju tal-basktijiet tal-plastik fl-Unjoni kollha sabiex jitqies it-tnaqqis li diġà ntlaħaq f'ċerti Stati Membri.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Id-data disponibbli dwar l-użu tal-basktijiet tal-plastik fl-Unjoni turi biċ-ċar li l-konsum ikun baxx jew naqas, f'dawk l-Istati Membri fejn l-operaturi ekonomiċi ma jagħtux il-basktijiet tal-plastik b'xejn, iżda minflok jimponu ħlas ċkejken.*** |

**Emenda 7**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4b) Barra minn hekk, jidher li informazzjoni lill-konsumatur hija strumentali biex jintlaħaq kwalunkwe għan ta' tnaqqis tal-użu tal-basktijiet tal-plastik. Għalhekk, huwa meħtieġ li jsiru sforzi fil-livell istituzzjonali li jżidu s-sensabilizzazzjoni dwar l-impatt ambjentali tal-użu tal-basktijiet tal-plastik u biex titwarrab il-perċezzjoni attwali li l-basktijiet tal-plastik huma komodità mhux dannuża, irħisa u instrinsikament*** |

| | |
|---|---|
| | ***mingħajr valur.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Sabiex jippromwovu tnaqqis simili tal-livell medju tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex inaqsu ***l-konsum*** tal-basktijiet tal-plastik bi ħxuna ta' inqas minn 50 microns f'konformità mal-għanijiet ġenerali tal-politika tal-UE dwar l-iskart u l-ġerarkija tal-UE dwar l-iskart kif tipprovdi d-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi[7]. Miżuri ta' tnaqqis bħal dawn għandhom iqiesu l-livelli tal-konsum attwali tal-basktijiet tal-plastik fl-Istati Membri individwali, fejn livelli iktar għoljin jirrikjedu sforzi iktar ambizzjużi. L-awtoritajiet nazzjonali se jipprovdu dejta dwar l-użu tagħhom skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 94/62/KE sabiex jimmonitorjaw il-progress fit-tnaqqis tal-użu tal-basktijiet tal-plastik. | (5) Sabiex jippromwovu tnaqqis simili tal-livell medju tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex inaqsu ***sinifikament il-konsum*** tal-basktijiet tal-plastik bi ħxuna ta' inqas minn 50 microns ***b'użu mill-ġdid limitat ħafna*** f'konformità mal-għanijiet ġenerali tal-politika tal-UE dwar l-iskart u l-ġerarkija tal-UE dwar l-iskart kif tipprovdi d-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi[7]. Miżuri ta' tnaqqis bħal dawn għandhom iqiesu l-livelli tal-konsum attwali tal-basktijiet tal-plastik fl-Istati Membri individwali, fejn livelli iktar għoljin jirrikjedu sforzi iktar ambizzjużi. L-awtoritajiet nazzjonali se jipprovdu dejta dwar l-użu tagħhom skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 94/62/KE sabiex jimmonitorjaw il-progress fit-tnaqqis tal-użu tal-basktijiet tal-plastik. |
| [7] ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3. | [7] ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3. |

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri għandhom jinvolvu l-użu*** |

| | |
|---|---|
| | ***ta' strumenti ekonomiċi bħall-ipprezzar, li ta prova li hu partikolarment effettiv biex inaqqas l-użu tal-basktijiet tal-plastik. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi ma jipprovdux basktijiet tal-plastik għajr basktijiet tal-plastik ħfief ħafna jew alternattivi għalihom, mingħajr ħlas fil-punt tal-bejgħ tal-oġġetti jew il-prodotti. L-Istati Membri għandhom iħeġġu wkoll lill-operaturi ekonomiċi li jbigħu biss prodotti mhux tal-ikel biex ma jipprovdux basktijiet tal-plastik mingħajr ħlas fil-punt ta' bejgħ tal-oġġetti u l-prodotti.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) ***Il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati*** Membri ***jistgħu jinvolvu l-użu ta'*** strumenti ekonomiċi bħat-taxxi u l-imposti, ***li taw prova li huma partikolarment effettivi biex inaqsu l-użu tal-basktijiet tal-plastik,*** kif ukoll ir-restrizzjonijiet kummerċjali bħal projbizzjonijiet b'deroga tal-Artikolu 18 tad-Direttiva 94/62/KE, suġġett għar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 34 sa 36 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. | (6) ***L-Istati*** Membri ***għandhom ukoll ikunu jistgħu jużaw*** strumenti ekonomiċi bħat-taxxi u l-imposti, kif ukoll ir-restrizzjonijiet kummerċjali bħal projbizzjonijiet b'deroga tal-Artikolu 18 tad-Direttiva 94/62/KE, suġġett għar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 34 sa 36 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Il-basktijiet tal-plastik użati għat-tgeżwir ta' ikel niedi u sfuż bħal-laħam nej, il-ħut u prodotti tal-ħalib u basktijiet tal-plastik użati għal prodotti tal-ikel ippreparati mhux ippakkjati huma*** |

***meħtieġa għall-iġjene tal-ikel u b'hekk għandhom jiġu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.***

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6b) Basktijiet tal-plastik ħfief ħafna jintużaw frekwentament għax-xiri ta' ikel niexef, sfuż u mhux ippakkjat bħall-frott, il-ħxejjex jew il-ħlewwiet. L-użu ta' basktijiet tal-plastik ħfief ħafna għal tali finijiet jgħin il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel, peress li jippermetti lill-konsumaturi jixtru l-ammont eżatt meħtieġ minflok kwantità fissa ppakkjata minn qabel, u peress li jippermetti li prodott li m'għadux tajjeb għall-konsum jitneħħa minn fuq l-ixkafef speċifikament mingħajr il-bżonn li jintremgħu pakketti sħaħ ippakkjati minn qabel. Madanakollu, basktijiet tal-plastik ħfief ħafna magħmulin minn plastiks konvenzjonali jippreżentaw problema partikolari fir-rigward tal-iskart.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6c) Basktijiet tal-plastik magħmulin minn materjali bijodegradabbli u kompostabbli jagħmlu anqas ħsara lill-ambjent minn basktijiet tal-plastik konvenzjonali. Fejn l-użu ta' basktijiet tal-plastik jipprovdi benefiċċji importanti, jiġifieri fejn basktijiet tal-plastik ħfief ħafna jintużaw għal ikel niexef, sfuż,u mhux ippakkjat bħall-frott, il-ħxejjex u l-ħlewwiet, dawk il-basktijiet tal-plastik ħfief ħafna konvenzjonali għandhom jiġu*** |

***sostitwiti gradwalment minn basktijiet magħmulin minn karta rriċiklata, jew basktijiet tal-plastik ħfief ħafna li jkunu bijodegradabbli u kompostabbli. Fejn l-użu ta' basktijiet tal-plastik għandu jitnaqqas, jiġifieri l-użu ta' basktijiet tal-plastik ħfief, l-użu ta' tali bastkijiet magħmulin minn materjali bijodegradabbli u kompostabbli għandhom ukoll jaqgħu wkoll taħt il-mira ġenerali ta' tnaqqis. Madankollu, l-Istati Membri li għandhom stabbilit ġbir separat tal-bijoskart għandhom jitħallew inaqqsu l-prezz ta' basktijiet tal-plastik ħfief bijodegradabbli u kompostabbli.***

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(6d) Il-programmi edukattivi mmirati lejn il-konsumaturi b'mod ġenerali, kif ukoll lejn it-tfal b'mod partikolari, għandu jkollhom rwol partikolari fit-tnaqqis tal-użu tal-basktijiet tal-plastik. Dawk il-programmi edukattivi għandhom jiġu implimentati kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-produtturi u l-bejjiegħa bl-imnut fil-punt tal-bejgħ tal-oġġetti u l-prodotti;*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(6e) Ir-rekwiżiti essenzjali fir-rigward tal-imballaġġ li huwa rikuperabbli fil-forma ta' kompostjar għandhom jiġu emedati*** |

| | |
|---|---|
| | ***biex jiżguraw l-iżvilupp ta' standard Ewropew għal kompostjar tal-ġnien. Ir-rekwiżiti essenzjali fir-rigward tal-imballaġġ bijodegradabbli għandhom jiġu emendati biex jiġi żgurat li biss il-materjali kompletament bijodegradabbli jitiqiesu bħala bijodegradabbli.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6f (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6f) L-Istandard Ewropew EN 13432 dwar "Rekwiżiti għall-imballaġġ li jistgħu jiġu rkuprati permezz tal-kompostjar u l-bijodegradazzjoni - skema għall-ittesttjar u kriterji ta' evalwazzjoni għall-aċċettazzjoni finali tal-imballaġġ" jistabbilixxi l-karatteristiċi li materjal għandu jkollu sabiex ikun jista' jitqies "kompostabbli", jiġifieri li jista' jiġi riċiklat permezz ta' proċess ta' rkupru organiku magħmul minn kompostjar u d-diġestjoni anerobika. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni jżviluppa stantard separat għal kompostjar tal-ġnien.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6g (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6g) Xi materjali tal-plastik jissejħu "ossobijodegradabbli" mill-manifatturi tagħhom. F'tali materjali tal-plastik, addittivi "ossobijodegradabbli", tipikament imluħ metalliċi, jiġu inkorporati fi plastiks konvenzjonali.*** |

***Bħala riżultat tal-ossidazzjoni ta' dawk l-addittivi, dawn il-materjali tal-plastik jifframmentaw f'partiċelli jżgħar, li jibqgħu fl-ambjent. Għalhekk wieħed ikun qed iqarraq b'dak li jkun jekk jirreferi għal dawn il-materjali tal-plastik bħala "bijodegradabbli". Il-frammentazzjoni tittrasforma skart viżibbli ta' oġġetti bħal basktijiet tal-plastik fi skart mhux viżibbli permezz ta' mikroplastiks sekondarji. Din mhijiex soluzzjoni għall-problema tal-iskart, iżda aktar minn hekk iżżid it-tniġġis tal-ambjent b'dawk il-materjali tal-plastik. Għalhekk, dawn il-materjali tal-plastik ma għandhomx jintużaw għall-imballaġġ tal-plastik.***

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ċċarat li plastiks "ossobijodegradabbli" - li fil-fatt ma jiddegradawx iżda li jifframmentaw biss fi mikroplastiks sekondarji - ma għandhomx jiġu kkwalifikati bħala materjal għall-imballaġġ. Il-frammentazzjoni tal-plastik fi mikroplastiks sekondarji jżid it-tniġġis sekondarju tal-ambjent mill-plastiks u għalhekk ma għandhiex tkun permessa. Dan huwa konformi mal-pożizzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent fil-kuntest tal-istrateġija Ewropea dwar l-iskart tal-plastik.*

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6h (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6h) L-użu ta' sustanzi li huma karċinoġeni, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni u sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali għandu jitneħħa gradwalment mill-materjal tal-imballaġġ sabiex jiġi evitat esponiment bla bżonn tal-bniedem għal tali sustanzi u biex jiġi evitat li dawn is-sustanzi jsibu ruħhom fl-ambjent matul il-fażi tal-iskart.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Sustanzi CMR u sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali huma sustanzi ta' tħassib serju ħafna. Għandhom jiġu sostitwiti kulfejn ikun possibbli. Is-sostituzzjoni tagħhom fl-imballaġġ tal-plastik huwa konformi mal-pożizzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent fil-kuntest tal-istrateġija Ewropea dwar l-iskart tal-plastik. Id-Direttiva tal-Imballaġġ diġà tistabbilixxi valuri għal metalli tqal.*

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6i (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6i) Sustanzi ta' ħsara, b'mod partikolari l-kimiċi li jaffettwaw l-ormoni, fil-basktijiet tal-plastik, għandhom ikunu kompletament ipprojbiti biex jiġi żgurat livell tajjeb ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Il-miżuri biex jitnaqqas il-konsum tal-basktijiet tal-plastik ***ma għandux iwassal*** għal żieda ġenerali fil-ġenerazzjoni tal-imballaġ. | (7) Il-miżuri biex jitnaqqas il-konsum tal-basktijiet tal-plastik ***għandhom iwasslu għal tnaqqis sostenibbli fil-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief u ma għandhomx iwasslu*** għal żieda ġenerali fil-ġenerazzjoni tal-imballaġġ. |

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Sabiex jiġi żgurat ir-rikonoxximent*** |

| | |
|---|---|
| | ***fl-Unjoni kollha tal-indikazzjonijiet (il-marka, karatteristiku jew kodiċi tal-kulur) għal basktijiet kompostabbli u bijogradabbli, is-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Tratatt dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-definizzjoni ta' tali indikazzjonijiet. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Biex ma jiġix affettwat il-funzjonament tas-suq intern, għandhom japplikaw kundizzjonijiet ugwali għall-materjali użati fl-Unjoni Ewropea kollha. Differenzi fil-mod kif jiġu ttrattati ċerti materjali f'xi Stati Membri huma ta' detriment għar-riċiklaġġ u l-kummerċ .*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)**
Direttiva 94/62/KE
Artikolu 3 – punt 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(- 1 a) Fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-punt 2a ġdid li ġej:*** |
| | ***'-2a. 'basktijiet tal-plastik ħfief' għandha*** |

***tfisser basktijiet bi jew mingħajr manku, magħmulin minn materjali tal-plastik kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 10/2011, li jiġu fornuti lill-konsumaturi fil-punt tal-bejgħ tal-oġġetti jew prodotti għall-fini tal-ġarr tal-oġġetti. Basktijiet tal-plastik meħtieġa għall-iġjene tal-ikel użati għat-tgeżwir ta' prodotti tal-ikel niedi u sfuż bħal-laħam nej, il-ħut u l-prodotti tal-ikel u l-basktijiet tal-plastik użati għal prodotti tal-ikel ippreparati u mhux ippakkjati ma għandhomx jitqiesu bħala basktijiet tal-plastik għall-finijiet ta' din id-Direttiva.***

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1**
Direttiva 94/62/KE
Artikolu 3 – punt 2a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| '2a. 'basktijiet tal-plastik ħfief' għandha tfisser basktijiet magħmula minn materjali tal-plastik kif hemm definit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011* bi ħxuna li hija inqas minn 50 microns u li huma fornuti lill-konsumaturi fil-punt tal-bejgħ tal-oġġetti jew prodotti. | '2a. 'basktijiet tal-plastik ħfief' għandha tfisser basktijiet magħmula minn materjali tal-plastik kif hemm definit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011* bi ħxuna li hija inqas minn 50 microns u li huma fornuti lill-konsumaturi fil-punt tal-bejgħ tal-oġġetti jew prodotti, ***għajr basktijiet tal-plastik ħfief ħafna;*** |
| ________________ | ________________ |
| * ĠU L 12, 15.01.2011, p. 1.' | * ĠU L 12, 15.01.2011, p. 1.' |

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)**
Direttiva 94/62/KE
Artikolu 3 – punt 2b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1 a) Fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-punt 2b ġdid li ġej:*** |
| | ***'2b. "basktijiet tal-plastik ħfief ħafna" għandha tfisser basktijiet magħmulin minn materjali tal-plastik kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 10/2011 bi ħxuna li hija ta' inqas minn 10 microns;"*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1b (ġdid)**
Direttiva 94/62/KE
Artikolu 3 – punt 2c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1b) Fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-punt 2c ġdid li ġej:*** |
| | ***'2c. "materjali tal-plastik ossoframmentabbli" tfisser materjali li jinkludu addittivi tal-plastik li jikkatalizzaw il-frammentazzjoni tal-materjal tal-plastik f'mikroframmenti ta' materjal tal-plastik;"*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha tingħata definizzjoni ċara tal-materjali b'bażi bijoloġika*

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1c (ġdid)**
Direttiva 94/62/KE
Artikolu 3 – punt 2d (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1c) Fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-punt 2d ġdid li ġej:*** |
| | ***'2d. "bijoskart" tfisser skart bijodegredabbli tal-ġnien u l-ġonna, skart tal-ikel u tal-kċina mid-djar, ristoranti, fornituri tal-ikel u postijiet tal-bejgħ u skart komparabbli minn impjanti għall-ipproċessar tal-ikel; Id-definizzjoni ta' bijoskart ma tinkludix il-fdalijiet mill-foresti jew il-fdalijiet agrikoli, demel tar-raba', il-ħama tad-drenaġġ, jew skart bijodegredabbli ieħor bħal tessuti naturali, karti jew injam ipproċessat. Teskludi wkoll dawk il-prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-ikel li qatt ma jsiru skart;"*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha tingħata definizzjoni ċara tal-materjali b'bażi bijoloġika. Din id-definizzjoni hija meħuda mill-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tal-bijoskart fl-Unjoni Ewropea (COM (2008) 811 finali.*

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1d (ġdid)**
Direttiva 94/62/KE
Artikolu 3 – punt 2e (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1d) Fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-punt 2e ġdid li ġej:*** |
| | ***'2e. "sustanzi li huma karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni" għandhom ifissru sustanzi*** |

| | |
|---|---|
| | ***li huma karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1A jew 1B skont it-Taqsima 3 tal-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;*** |
| | ***______________*** |
| | **** Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u li jħassar id-Direttiva 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (EC) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1)"*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Definizzjoni ċara ta' sustanzi CMR għandha tiġi indirizzata f'din il-leġiżlazzjoni partikolari*

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1e (ġdid)**
Direttiva 94/62/KE
Artikolu 3 – punt 2f (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1e) Fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-punt 2f ġdid li ġej:*** |
| | ***'2f. "sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali" għandha tfisser sustanzi li għandhom karatteristiċi li jfixklu s-sistema endokrinali u li għalihom hemm evidenza xjentifika ta' effetti serji possibbli għas-saħħa tal-bniedem jew li ġew identifikati skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew Parlament u tal-Kunsill*, jew li ġew identifikati skont ir-Rakkomandazzjoni funzjonali tal-Kummissjoni [... / ... / UE] **;*** |

| | |
|---|---|
| | ***Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).*** |
| | ***** Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni [.../.../EU] ta'... dwar il-kriterji għall-identifikazzjoni ta'sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali (GU L...)"*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Definizzjoni ċara ta' sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali għandha tiġi indirizzata f'din il-leġiżlazzjoni partikolari Għandu jkun hemm tliet modi biex sustanza tkun identifikata bħala sustanza li tfixkel is-sistema endokrinali: abbażi ta' evidenza xjentifika ta' effetti serji possibbli għas-saħħa tal-bniedem, abbażi tal-identifikazzjoni taħt REACH (li hija awtorevoli, iżda 'l bogħod ħafna milli tkun komprensiva), jew abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni, li l-Kummissjoni hija obbligata tadotta sa tmiem din is-sena skont ir-regolamenti dwar il-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti u l-Bijoċidi rispettivament.*

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt -2 (ġdid)**
Direttiva 94/62/KE
Artikolu 4 – paragrafu - 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-2) Fl-Artikolu 4, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:*** |
| | ***"-1a Stat Membru għandu jiżgura li l-imballaġġ jiġi mmanifatturat b'tali mod li ma jkunx fih sustanzi f'konċentrazzjonijiet*** |

***li jaqbżu 0.01% li huma karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni jew li jfixklu s-sistema endokrinali. Stati Membri għandhom jiżguraw li l-imballaġġ jiġi manifatturat b'tali mod li ma jkunx fih materjali tal-plastik "ossoframmentabbli". Dawk il-miżuri għandhom jiġu adottati sa ...*.***

________________

***ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data – sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. '***

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk ikun hemm tneħħija gradwali ta' sustanzi CMR u tas-sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali minn materjal tal-imballaġġ inġenerali. Għandu jkun hemm tneħħija gradwali ċara ta' materjali ttal-plastik ossoframmentabbli minn materjal ta' imballaġġ. Din it-tneħħija gradwali għandha tkun konformi mal-pożizzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent fil-kuntest tal-istrateġija Ewropea dwar l-iskart tal-plastik.*

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2**
Direttiva 94/62/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1a. '1a L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiksbu tnaqqis fil-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief fit-territorju tagħhom ***fi żmien sentejn tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva***. | 1a L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiksbu tnaqqis ***sostenibbli*** fil-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief fit-territorju tagħhom ta' ***mill-anqas:***<br><br>***- 50% sa ...*., u***<br><br>***- 80% sa ...**.,***<br><br>***meta mqabbel mal-konsum medju fl-Unjoni fl-2010, rispettivament.***<br><br>________________<br><br>****ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data – tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*** |

| | |
|---|---|
| | ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data – ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva".*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2**
Direttiva 94/62/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1a – subparagrafu 2(ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi ma jipprovdux basktijiet tal-plastik mingħajr ħlas, għajr għall-basktijiet tal-plastik ħfief ħafna, jew alternattivi għalihom kif imsemmija fil-paragrafu 1c ta' dan l-Artikolu.*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jimponu prezz għall-basktijiet tal-plastik ħfief li huwa effettiv u proporzjonat sabiex tinkiseb il-mira ta' tnaqqis kif imsemmija fil-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi li jbigħu l-ikel jimponu minn tal-anqas l-istess prezz li jitħallas għal basktijiet tal-plastik eħxen, u li l-operaturi ekonomiċi ma jissostitwixxux il-basktijiet tal-pastik ħfief ħafna fil-punt ta' bejgħ. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw tali miżuri sa...**** |
| | ***L-Istati Membri li jkunu stabbilew ġbir separat għal bijoskart jistgħu jesiġu li l-operaturi ekonomiċi li jkunu qed ibigħu prodotti tal-ikel għandhom inaqqsu, b'perċentwal li ma jaqbiżx 50%, il-prezz tal-basktijiet tal-plastik bijogradabbli kompostabbli.*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jimponu prezz għall-basktijiet tal-plastik ħfief li huwa effettiv u proporzjonat sabiex tinkiseb il-mira ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***tnaqqis kif imsemmija fil-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu.*** |
| | ______________ |
| | ****ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data – sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2**
Direttiva 94/62/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1a – subparagrafu 3(ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-basktijiet tal-plastik ħfief ħafna użati għat-tgeżwir tal-ikel niexef, sfuż u mhux ippakkjat bħall-frott, il-ħxejjex u l-ħlewwiet jitnaqqsu jew jiġu sostitwiti gradwalment minn basktijiet magħmulin mill-karta rriċiklata, jew minn basktijiet tal-plastik ħfief ħafna li huma bijogradabbli u kompostabbli. L-Istati Membri għandhom jirċievu rata ta' sostituzzjoni ta' 50 % sa ...*u ta' 100 % sa ...**.*** |
| | ______________ |
| | ****ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data – tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*** |
| | ****ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data – ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva".*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2**
Direttiva 94/62/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1a – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Dawn il-miżuri*** jistgħu ***jinkludu l-użu ta' miri ta' tnaqqis nazzjonali,*** strumenti ekonomiċi ***kif ukoll*** restrizzjonijiet kummerċjali b'deroga mill-Artikolu 18 ta' din id-Direttiva. | ***1b. L-Istati Membri jistgħu jużaw*** strumenti ekonomiċi ***oħra u jżommu jew jintroduċu wkoll*** restrizzjonijiet kummerċjali b'deroga mill-Artikolu 18 ta' din id-Direttiva ***Tali miżuri m'għandhomx, madankollu, jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew xi restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ fost l-Istati Membri.*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2a (ġdid)**
Direttiva 94/62/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Fl-Artikolu 4, jiddaħħal il-paragrafu 1c li ġej:***<br>***'1c. Il-bejjiegħa għandhom jippermettu lill-konsumaturi jirrifjutaw u jħallu fil-punt ta' bejgħ, kwalunkwe imballaġġ li jikkunsidraw superfluwu, b'mod partikolari fir-rigward tal-basktijiet tal-plastik. Il-bejjiegħa għandhon jiżguraw li tali imballaġġ jintuża mill-ġdid jew jiġi rriċiklat.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 2d (ġdid)**
Direttiva 94/62/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1d (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2d) Fl-Artikolu 4, jiddaħħal il-paragrafu 1d li ġej:*** |
| | ***'1d. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jippromwovu, għall-inqas matul l-ewwel sena wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva, kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn il-pubbliku ġenerali, dwar l-effetti negattivi għall-ambjent mill-użu eċċessiv tal-basktijiet tal-plastik konvenzjonali.'*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2c (ġdid)**
Direttiva 94/62/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1e (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2e) Fl-Artikolu 4, għandu jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:*** |
| | ***'1e. Il-miżuri biex jitnaqqas l-użu tal-basktijiet jistgħu jiġu akkumpanjati minn miżuri tal-ekodisinn bħal, pereżempju, il-limitazzjoni tal-wiċċ ta' stampar għall-messaġġi kummerċjali jew marki ta' reklamar sabiex jitnaqqas ukoll l-użu ta' linka u żebgħa li huma ta' ħsara għall-ambjent. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għall-messaġġi jew twissijiet dwar l-effetti ambjentali mill-użu tal-basktijiet tal-plastik f'dawk l-Istati Membri li jagħżlu dan it-tip ta' miżuri ta' informazzjoni.'*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2d (ġdid)**
Direttiva 94/62/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1f (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2d) Fl-Artikolu 4, għandu jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:*** |
| | ***'1f. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri għat-tnaqqis tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik ma għandhomx iwasslu għal żieda ġenerali fil-ġenerazzjoni tal-imballaġ.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2e (ġdid)**
Direttiva 94/62/KE
Artikolu 6a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2e) Jiddaħħal artikolu 6a ġdid:*** |
| | ***'Artikolu 6a*** |
| | ***Jekk il-basktijiet huma bijodegradabbli taħt kundizzjonijiet ambjentali, dan għandu jiġi indikat b'mod ċar fuq il-basket b'marka, karatteristika jew kodiċi tal-kulur. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati biex tiddefinixxi dawn l-indikazzjonijiet sabiex tiżgura għarfien fl-Unjoni kollha. L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri biex jindikaw karatteristiċi oħra, bħall-kapaċità għall-użu mill-ġdid, il-kapaċità għar-riċiklaġġ u d-degradabbiltà.*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt -2f (ġdid)**
Direttiva 94/62/KE
Artikolu 20a(ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2f) Jiddaħħal artikolu 20a ġdid:*** |
| | ***'Artikolu 20a*** |
| | ***Eżerċizzju ta' delega*** |
| | ***1. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati se tingħata lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** |
| | ***2. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 6a għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn ...*.*** |
| | ***3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 6a tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.*** |
| | ***4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** |
| | ***5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6a għandu jidħol biss fis-seħħ jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu*** |

***għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.***

________________

****ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva****. '*

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 2g (ġdid)**
Direttiva 94/62/KE
Anness II – paragrafu 3 – punt c u d

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2g) Fl-Anness II, il-punt (c) u (d) tal-paragrafu 3 jiġi emendat kif ġej:*** |
| *(c) L-imballaġġ illi jista'* ***jigi*** *rkuprat fil-forma ta' kompostjar* | *(c) L-imballaġġ illi jista'* ***jiġi*** *rkuprat fil-forma ta' kompostjar* |
| L-iskart mill-imballaġġ proċessat għall-iskop tal-kompostjar għandu jkun ta' natura bijodegradabbli li ***ma tfixkilx il-ġbir*** separat u l-proċess jew l-attività tal-kompostjar li fihom ***jiddahhal***. | L-iskart mill-imballaġġ proċessat għall-iskop tal-kompostjar għandu jkun ta' natura bijodegradabbli ***tant*** li ***jkun komaptibbli bis-sħiħ mal-ġbir*** separat u l-proċess jew l-attività tal-kompostjar ***tal-gnien u/jew industrijali*** li fihom ***jiddaħħal***. |
| *(d) Imballaġġ bijodegradabbli* | *(d) Imballaġġ bijodegradabbli;* |
| L-imballaġġ bijodegradabbli L-iskart mill-imballaġġ bijodegradabbli għandu jkun ta' natura li jkun kapaċi jgħaddi minn dekompożizzjoni fiżika, kimika, termali jew bijoloġika tant li ***ħafna mill-kompost li jibqa'*** jiddekomponi fl-aħħar f'dijossidu karboniku, bijomassa u ilma. | L-imballaġġ bijodegradabbli L-iskart mill-imballaġġ bijodegradabbli għandu jkun ta' natura li jkun kapaċi jgħaddi minn dekompożizzjoni fiżika, kimika, termali jew bijoloġika tant li ***l-materjali kollu*** jiddekomponi fl-aħħar f'dijossidu karboniku, bijomassa u ilma. |

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. | L-Istati Membri għandhom ***jemendaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom jekk ikun meħtieġ u għandhom*** idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. |

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 2a*** |
| | ***Sa ... * il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid l-effikaċja ta' din id-Direttiva u tevalwa jekk jinħtieġu miżuri ulterjuri, li għandhom jiġu akkumpanjati, jekk ikun xieraq, minn proposta leġiżlattiva.*** |
| | ______________ |
| | ****ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data – sitt snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva".*** |

## NOTA SPJEGATTIVA

**1. L-isfond**

Il-konsum tal-basktijiet tal-plastik fl-Unjoni Ewropea huwa eċċessiv. Kull sena kważi 100 biljun basket tal-plastik jiġu kkonsmati, numru li mistenni li jikber għal 111-il biljun basket tal-plastik sal-2020 jekk ebda azzjoni ma tittieħed. Dan ifisser li fuq medja kull ċittadin Ewropew juża 200 basket tal-plastik matul sena. Jekk inti tieħu 5 minuti biex taqra din in-nota spjegattiva, f'dawk il-5 minuti miljun basket tal-plastik ikunu ġew ikkonsmati fl-UE.

Madankollu, 89 % tal-boroż tal-plastik ta' spiss jintużaw darba biss qabel ma jispiċċaw bħala skart. Billi basktijiet tal-plastik eħxen maħsuba għal użu mill-ġdid huma disponibbli fis-suq, u l-konsumaturi f'ħafna Stati Membri jkomplu jużaw basktijet tal-plastik li jintremew minħabba li jakkwistawhom b'xejn. Bejjiegħa bl-imnut joffruhom mingħajr ħlas bħala bastkijiet tal-plastik ħfief, li prinċipalment ukunu ġew prodotti fl-Asja u huma ħafna irħas.

**2. Konsegwenzi negattivi għas-soċjetà u l-ambjent**

Dan il-konsum eċċessiv ta' basktijiet tal-plastik li jintużaw darba biss huwa ineffiċjenti ħafna minn perspettiva ta' użu tar-riżorsi iżda jikkaġuna wkoll konsegwenzi negattivi għall-ambjent. Kull sena 8 biljun basket tal-plastik jispiċċa bħala skart fl-ambjent tal-UE inklużi l-ibħra. Minkejja li l-prezzijiet tar-riżorsi li dejjem qed jogħlew, ir-rati attwali ta' riċiklaġġ tal-basktijiet tal-plastik ġew stmati biss għal 6.6 % u x'aktarx li mhumiex se jiżdiedu aktar minn hemm b'mod konsiderevoli fis-snin li ġejjin. Minħabba l-irquqija u l-piż ħafif tagħhom, il-basktijiet tal-plastik ma għandhomx valur ta' riċiklaġġ għoli. Rata ta' riċiklaġġ akbar tal-basktijiet tal-plastik mhijiex se ssolvi l-problema. Filwaqt li 39 % tal-basktijiet tal-plastik jiġu inċinerati, kull tieni basket tal-plastik jintbagħat f'miżbliet fejn jistgħu jtiru bir-riħ fl-ambjent. Il-miżbliet b'mod ġenerali jitqiesu bħal l-agħar alternattiva. U l-prevenzjoni hija, b'mod ċar, l-aħjar alternattiva.

Ladarba jispiċċaw fl-ambjent, basktijiet tal-plastik jistgħu jdumu mijiet ta' snin, fejn gradwalment jiġu frammentati f'partijiet dejjem iżgħar, u jinġarru minn pajjiż għal ieħor u jaqsmu l-fruntieri marittimi. Illum, basktijiet tal-plastik flimkien ma' fliexken tal-plastik jikkostitwixxu l-maġġoranza vasta ta' skart tal-plastik fl-ibħra Ewropej: fdalijiet tal-plastik jikkostitwixxu aktar minn 70 % tal-iskart kollu. Fil-Gran Brittanja, fuq medja, 72 basket tal-plastik jitla' l-art għal kull mil tal-kosta. L-implikazzjonijiet għall-fawna tal-baħar huma drammatiċi, speċjalment fost il-mammiferi tal-baħar. Partiċelli ta' skart tal-plastik instabu wkoll f'aktar minn 90 % tal-għasafar fil-Baħar tat-Tramuntana. Fl-istess ħin, l-iskart tal-plastik għandu konsegwenzi negattivi għal żoni turistiċi bħal parks naturali fejn l-isforzi ta' tindif huma ta' piż ekonomiku sinifikanti għall-komunitajiet lokali.

**3. Sfida komuni tesiġi approċċ komuni**

Konsum iżżejjed ta' basktijiet tal-plastik, użu ineffiċjent tar-riżorsi u tniġġis transnazzjonali tal-ambjent huma sfida komuni għall-Istati Membri tal-UE u jesiġu approċċ komuni. Konsultazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea fl-2011 uriet appoġġ qawwi miċ-ċittadini Ewropej biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-basktijiet tal-plastik li jintużaw darba biss fl-livell Ewropew.

Sfortunatament, il-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea tonqos milli tieħu approċċ

Ewropew. Hija tissuġġerixxi biss li kull Stat Membru għandu jindirizza l-kwistjoni tal-basktijiet tal-plastik unilateralment u mingħajr mira. Dan mhux biss jinjora t-talba ċara taċ-ċittadini Ewropej iżda huwa fi kuntrast qawwi għall-valutazzjoni tal-impatt proprja tal-Kummissjoni u l-istudji sottostanti. Fil-fatt, l-istudju mis-Servizz tal-Bijo-Intelliġenza ma ppermettix valutazzjoni ulterjuri tal-alternattiva li l-Istati Membri jintalbu jistabilixxu miri nazzjonali għall-prevenzjoni peress li nstab li kienet ikkumplikata żżejjed, u ddikjara li l-ilħuq ta' tali miri jkun dubjuż u dipendenti ħafna fuq il-impenn politiku tal-Istati Membri[1]

Minflok, l-istudju u l-valutazzjoni tal-impatt ikkunsidraw li l-aktar approċċ effettiv ikun li wieħed jgħaqqad mira għall-prevenzjoni tal-iskart fl-livell tal-UE ma' miżuri għall-ipprezzar fl-livell nazzjonali li jagħmilha obbligatorja għall-ħwienet li jitolbu ħlas għall-basktijiet tal-tal-plastik. Għalhekk huwa diffiċli li wieħed jifhem għalfejn il-Kummissjoni injorat ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-impatt proprju tagħha b'mod daqshekk sfaċċat, wara konsultazzjoni bejn is-servizzi, billi għażlet li ma tadottax mira ta' tnaqqis u lanqas mekkaniżmu ta' pprezzar obbligatorju.

Għaldaqstant, ir-rapporteur tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni bħala pass 'il quddiem għal azzjoni leġiżlattiva sinifikanti kontra l-użu b'ħela tal-basktijiet tal-plastik. B'mod partikolari, hija tilqa' l-ħidma preparatorja solida li saret mill-Kummissjoni u biħsiebha tibbaża l-approċċ tagħha fuq l-alternattiva ppreferuta li ġiet identifikata fil-valutazzjoni tal-impatt (mira ta' tnaqqis tal-UE u miżuri ekonomiċi) li fi kliem tal-Kummissjoni "għandha l-ogħla potenzjal li twassal riżultati ambjentali ambizzjużi, filwaqt li twassal għal impatti ekonomiċi pożittivi, tillimita l-effetti negattivi fuq l-impjieg, tiżgura l-aċċettazzjoni pubblika, u tikkontribwixxi għal kuxjenza akbar dwar il-konsum sostenibbli".

**4. L-introduzzjoni ta' mira ta' tnaqqis Ewropea dwar il-basktijiet tal-plastik.**
Kif ġie ddikjarat fil-valutazzjoni tal-impatt imħejji mill-Kummissjoni, element ewlieni biex jiġi indirizzat l-użu żżejjed ta' basktijiet tal-plastik hu l-introduzzjoni ta' miri ta' tnaqqis għall-UE kollha fir-rigward tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief. Fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva, l-Istati Membri għandhom jiksbu tnaqqis ta' mill-inqas 50 %. u fi ħdan ħames snin, tnaqqis ta' mill-anqas 80 %. Il-mira ghandha tkun ibbażata fuq il-konsum medju fl-UE fl-2010. Il-mira globali tkun tapplika għall-Istati Membri, iżda tkun tirrikjedi aktar azzjoni f'dawk l-Istati Membri li għadhom ma ħadux azzjoni biex inaqqsu l-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief.

**5. Li jitfassal prezz għall-basktijiet tal-plastik**
Ntwera li, li ġġiegħel lill-konsumaturi jħalsu għall-basktijiet tal-plastik inaqqas il-konsum drammatikament kważi mil-lum għal għada. Fattur wieħed ċentrali jispikka madwar il-pajjiżi Ewropej li diġà laħqu livell tal-konsum relattivament baxx tal-basktijiet tal-plastik: il-basktijiet tal-plastik ma jingħatawx mingħajr ħlas. Din il-miżura għandha tapplika fl-UE kollha: taħt id-direttiva l-ġdida l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi li jbigħu l-ikel ma jipprovdux basktijiet tal-plastik mingħajr ħlas; madankollu, dan ma għandux

[1] Bio Intelligence Service, 2011. Assessment of impacts of options to reduce the use of single-use plastic carrier bags. (Valutazzjoni tal-impatti ta' alternattivi biex jitnaqqas l-użu ta' basktijiet tal-plastik li jintużaw darba biss. Rapport Finali), (ara paġna 78) http://ec.europa.eu/environment/waste/packaging/pdf/report_options.pdf

japplika għall-bastkijiet tal-plastik meħtieġa għall-iġene tal-ikel jew għal basktijiet tal-plastik ħfief jew alternattivi għalihom (ara l-punt 6). Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-operaturi ekonomiċi li jbigħu oġġetti mhux tal-ikel ma jipprovdux basktijiet tal-plastik mingħajr ħlas.  Fir-rigward tal-basktijiet tal-plastik ħfief kompostabbli b'bażi bijoloġika, l-Istati Membri li jkunu stabbilixxew ġbir separat tal-bijoskart għandhom jitħallew inaqqsu l-prezz (ara l-punt 7).

**6. L-eżenzjoni ta' basktijiet tal-plastik neċessarji għall-iġjene tal-ikel u s-sostituzzjoni tal-basktijiet tal-plastik ħfief ħafna b'basktijiet aktar sostenibbli**

Basktijiet tal-plastik meħtieġa għall-iġjene tal-ikel u t-tgeżwir ta' prodotti tal-ikel umdi u sfużi bħal-laħam nej, il-ħut u l-prodotti tal-ikel u l-basktijiet tal-plastik biex iżommu prodotti tal-ikel ioppreparati u mhux ippakkjati ma għandhomx jitqiesu bħala basktijiet tal-plastik għall-finijiet ta’ din id-Direttiva.

Barra minn hekk, ir-rapporteur tissuġġerixxi li għandha ssir distinzjoni bejn basktijiet tal-plastik ħfief (10–49 mikroni) u basktijiet tal-plastik ħfief ħafna (taħt l-10 mikroni). Basktijiet tal-plastik ħfief ħafna jintużaw frekwentament għax-xiri ta' ikel niexef, sfuż u mhux ippakkjat bħall-frott, il-ħxejjex jew il-konfettura. L-użu ta' basktijiet tal-plastik ħfief ħafna għal tali finijiet jgħin il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel, peress li jippermetti lill-konsumaturi jixtru l-ammont eżatt meħtieġ minflok kwantità fissa ppakkjata minn qabel, u peress li jippermetti it-tneħħija minn fuq l-ixkafef ta' prodott li ma għadux tajjeb għall-konsum speċifikament mingħajr il-bżonn li jintremgħu fl-intier tagħhom, pakketti ppakkjati minn qabel. Madankollu, basktijiet tal-plastik ħfief ħafna magħmula minn plastiks konvenzjonali jippreżentaw problema partikolari fir-rigward tal-iskart, u għalhekk għandhom jiġu sostitwiti gradwalment minn basktijiet tal-ġarr magħmulin mill-karta rriċiklata li jkunu bijodegradabbli u kompostabbli.

**7. Il-plastiks bijogradabbli u kompostabbli huma tabilħaqq is-soluzzjoni?**

Materjali tal-plastik bijogradabbli ta' spiss jiġu ppreżentati bħala soluzzjoni għall-problema ambjentali tal-basktijiet tal-plastik. Filwaqt li dawn ikunu anqas ta' problema meta jispiċċaw fl-ambjent meta mqabbel mal-plastik konvenzjonali, mhumiex soluzzjoni għall-problema tal-iskart, u rikorriment għal plastiks bijodegradabbli ma jindirizzax il-mentalità li dak lijkun jaqbad u jarmi li tifforma l-bażi tal-konsum eċċessiv tal-basktijiet tal-plastik, u tista' b'mod ħażin saħansitra tilleġitimizza tali ħela.

Barra minn hekk, dawn jinħtieġu li jiġu ttrattati b'mod xieraq, u dan biex tibda jirrikjedi l-ġbir separat tal-bijoskart. Biex il-benefiċċji potenzjali tal-materjali tal-plastik bijodegradabbli jkunu rikonoxxuti fuq plastiks konvenzjonali u biex fl-istess ħin jiġi indirizzat il-konsum iżżejjed, ir-rapporteur tissuġġerixxi li l-Istati Membri li stabbilixxew ġbir separat tal-bijoskart jistgħu inaqqsu l-prezz tal-basktijiet tal-plastic ħfief bijogradabbli sa 50% meta mqabbla ma' dawk konvenzjonali.

Ir-rekwiżiti essenzjali fir-rigward tal-imballaġġ bijodegradabbli għandhom jiġu emendati biex jiġi żgurat li biss il-materjali kompletament bijodegradabbli jitiqiesu bħala bijodegradabbli. Ir-rekwiżiti essenzjali fir-rigward tal-imballaġġ li huwa rikuperabbli fil-forma ta' kkompostar għandhom jiġu emedati biex jiżguraw l-iżvilupp ta' standard Ewropew għal kompostar tal-ġnien.

**8. It-tneħħija gradwali tal-ħbieb foloz: plastiks "ossobijodegradabbli"**
plastiks "ossobijodegradabbli" mhumiex bijogradabbli fl-ambjent naturali, iżda jifframmentaw biss f'mikroplastiċi sekondarji. Għalhekk wieħed ikun qed iqarraq b'dak li jkun jekk jirreferi għal dawn il-materjali tal-plastik bħala "bijodegradabbli". Il-frammentazzjoni tikkonverti skart viżibbli fi skart inviżibbli. Din mhijiex soluzzjoni għall-problema tal-iskart, iżda aktar minn hekk iżżid it-tniġġis tal-ambjent b'dawk il-materjali tal-plastik. Il-plastiks "ossobijodegradabbli" ma għandhomx għalhekk jintużaw bħala materjal ta' imballaġġ.

**9. Is-sostituzzjoni ta' sustanzi perikolużi għall-imballaġġ inġenerali**
Ir-rapporteur tissuġġerixxi li għandha tittieħed l-opportunità tal-emenda tad-direttiva ta' imballaġġ mhux biss biex tiġi indirizzata l-prevenzjoni b'mod kwantitattiv iżda wkoll b'mod kwalitattiv. Sabiex jitnaqqas l-espożizzjoni taċ-ċittadini Ewropej għal sustanzi kimiċi u biex jiġi evitat li tali sostanzi jsibu ruħhom fl-ambjent matul il-fażi ta' skart, l-imballaġġ inġenerali ma għandux jibqa' jkollu fih sustanzi li huma kanċeroġeniċi, mutaġeneċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni jew li jfixklu s-sistema endokrinali.

**10. Li l-Istati Membri jitħallew immorru oltre**
Filwaqt li approċċ Ewropew komuni jinħtieġ sabiex jiġi indirizzat il-konsum iżżejjed tal-basktijiet tal-plastik, xi Stati Membri jistgħu jkunu jridu jmorru oltre miri komuni ta' tnaqqis fl-UE. L-Istati Membri għandhom għalhekk jagħmlu użu mill-istrumenti ekonomiċi bħat-taxxi kif ukoll minn restrizzjonijiet kummerċjali, kif propost mill-Kummissjoni.

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Taqsima** | Li temenda d-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ biex tnaqqas il-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief |
| **Referenzi** | COM(2013)0761 – C7-0392/2013 – 2013/0371(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 4.11.2013 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>18.11.2013 |
| **Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON ITRE IMCO<br>18.11.2013 18.11.2013 18.11.2013 |
| **Not delivering opinions**<br>Data tad-deċiżjoni | ECON ITRE IMCO<br>19.11.2013 25.2.2014 17.12.2013 |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Margrete Auken<br>28.11.2013 |
| **Eżami fil-kumitat** | 22.1.2014 |
| **Data tal-adozzjoni** | 10.3.2014 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 44<br>–: 10<br>0: 6 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Elena Oana Antonescu, Sergio Berlato, Franco Bonanini, Biljana Borzan, Martin Callanan, Chris Davies, Bas Eickhout, Edite Estrela, Jill Evans, Karl-Heinz Florenz, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Martin Kastler, Christa Klaß, Eija-Riitta Korhola, Claus Larsen-Jensen, Jo Leinen, Peter Liese, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Andrés Perelló Rodríguez, Mario Pirillo, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Dubravka Šuica, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Thomas Ulmer, Glenis Willmott, Sabine Wils, Marina Yannakoudakis |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Margrete Auken, Inés Ayala Sender, Nikos Chrysogelos, Birgit Collin-Langen, Vicky Ford, Julie Girling, Jutta Haug, Romana Jordan, Filip Kaczmarek, Judith A. Merkies, Justas Vincas Paleckis, Marit Paulsen, Vittorio Prodi, Rebecca Taylor, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | John Stuart Agnew, Fabrizio Bertot, Fiona Hall, Kent Johansson, Bernd Lange, Erminia Mazzoni, Emma McClarkin |
| **Data tat-tressiq** | 14.3.2014 |